MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 1118/2005

**Dr. Michelle Tabone (138371M) fil-kwalita taghha ta' ekonomu ta' Monsinjur Arcisqof Amministratur tal-Beni ta' l-Entitajiet religjuzi Djocesani kollha ta' Malta fosthom il-Media Centre**

**Vs**

**Joseph Azzopardi (753355M) ezercenti l-kummerc taht l-isem "Cork'n'Screw"**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attrici nomine talbet il-hlas tas-somma ta' erba' mija w erbgha w erbghin lira Maltin u tletin centezmu (Lm444.30c) rapprezentanti prezz t'avvizi ppubblikati fil-gazzetta "Il-Gens".

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-atti tal-kawza u sema' lil Dr Daphne Dodebier li kkonfermat li l-ammont ghadu dovut;

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attrici nomine tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' erba' mija w erbgha w erbghin lira Maltin u tletin centezmu (Lm444.30c), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------